Minuti tal-Laqgħa Nru. 6 tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 30 ta' Awwissu 2012 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sur. Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Christian Falzon<br>Is-Sur. Joseph Camilleri<br>Is-Snrna. Christina Sammut |
| Skużati | Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sinjura. Lucia Massa |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Proġett tal-Family Park ġewwa Ħal Farruġ
5. Tenders
6. Attivita għal Jum il-Vitorja f' Ħal Farruġ
7. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
8. Aġġornament

Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsillier Victor Caruana u l-Kunsilliera Lucia Massa se jkunu skużati, minħabba li ma setgħux jattendu minħabba impennji oħra.

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti tal-laqgħa preċedenti inqraw u ġew approvati.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Camilleri semma li fuq il-Logħob għal Kulħadd għalkemm minn naħa tal-Kunsill kienu ikkuntatjatti jidher li ħadd mill-Għaqdiet ma wera interess li jipparteċipa.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Is-Segretarju semma li kienet waslet email biex jekk hemm xi persuni li ħaqqhom jingħataw premju Anzjan tas-Sena tingħata n-nominazzjoni tagħhom billi dawn jagħlqu fil-bidu ta' Settembru.

3.2 Is-Segretarju ressaq ukoll lista tal-applikazzjoni li kien hemm lill MEPA għall attenzjoni tal-Kunsill.

3.3 Il-Kunsilliera Sammut semmiet li minn naħa tal-iskola se ssir Mini Concert fis-7 ta' Settembru organiżżata minn dawk it-tfal li attendew għas Summer School. Hija saqsiet x se nkunu qed norganiżżaw minn naħa tal-Kunsill rigward ikel u stediniet.

3.4 Il-Kunsilliera Sammut semmiet li hemm ħofra fi Triq il-Qasam Sperimentali sabiex tiġi irranġati. Hija saqsiet ukoll jekk tistax isir sleeping policeman fi Triq il-Wilġa.

3.5 Il-Kunsilliera Sammut saqsiet dwar ix-xogħolijiet tat-toroq f' Ħal Luqa fiex kien wasal.

3.6 Is-Sindku irrisponda li l-kuntrattur kien diġa lesta s-servizzi u kien qed ilesti l-bankini. Kif ikun hemm dawn lesti jinbeda r-resurfacing tal-karreġjata.

3.7 Il-Kunsillier Falzon semma li fil-league lli ħa sehem fih team li kien qed jirrapreżenta l-Kunsill Lokali kien ġie mirbuħ min dan it-team. It-team kien rebaħ somma flus. Huwa qal li se jkun qed ilesti rapport dettaljat ta dak li ġara u jispjegah lill-Kunsill.

## 4.0 PROĠETT TAL-FAMILY PARK ĠEWWA ĦAL FARRUG

4.1 Is-Sindku qal li kienet saret laqgħa mad-Direttur tal-Planning fejn kien hemm ukoll preżenti is-Sur. Schembri bħala funding manager tal-GAL Xlokk. Is-Sur. Schembri dakinhar spjega is-sitwazzjoni perikoluża li jinsab fiha l-Kunsill minħabba r-riskju li jistgħu jintilfu l-flus tal-fondi jekk ix-xogħol ma jinbediex mill-aktar fiss. Is-Sur. Schembri kien semma wkoll li huwa qed jaħdem biex il-perjodu tal-iskadenza jkun imġedded.

4.2 Waqt il-laqgħa imsemmija hawn fuq il-Perit Borg bħala Direttur tal-Ippjanar spjega il-proċedura tal-proċess x' fadal isir sakemm dan jitla quddiem il-Bord. Huwa semma li għad fadal jiġu kkonsultati xi stake holders oħrajn, jitħejja rapport u finalment jitla quddiem il-Bord. Il-Perit Borg qal li fejn huwa possibli l-MEPA se tkun qed tħaffef il-proċess.

4.3 Sadanittant il-Perit Borg semma wkoll li huwa se jkun qed jibgħat ittra ta No Objection in Principle sabiex din tkun tista tingħata lill-Paying Agency biex b' hekk tgħin li jkun hemm tiġdid fuq il-perjodu tal-iskadenza.

**5.0 TENDERS**

5.1 Is-Sindku qara rapport li sar mill-Bord wara l-ewwel laqgħa li saret biex jiġu diskussi t-tenders. Huwa semma li r-rapport se jingħata lill-Kunsilliera hekk kif dan jkun approvat finalment minn naħa tal-Bord. Huwa qal li l-Bord s' issa wasal biex jagħmel rakkomandazzjonijiet fuq it-tender tal-Public Convenience u dak tal-Bulky Refuse.

5.2 Il-Kunsillier Camilleri semma li bħala Kunsill għandna niċċekkjaw fuq it-tip ta vetturi li se jintużaw kif ukoll li x-xogħol jsir sodisfaċenti.

5.3 Is-Sindku irrisponda li dan kien diġa ġie assigurat infatti dawn l-affarijiet kienu mniżżlin ukoll anki fir-rapport. Il-Kunsill mhu se juri l-ebda ħniena għan nuqqasijiet li jsiru u jista jkun anki li dawn jitilfu l-kuntratt. Dwar it-tenders tas-soft areas, sweeping u collection of mixed household hemm skema ta punti li se jimxi fuqhom il-Bord sabiex jqassam il-punteġġ. Il-Bord qed iqis ukoll li dawk il-ħaddiema li se jkun hemm assenjati jridu jkunu anki rreġistrati mal-ETC. Is-Sindku assigura lill-Kunsilliera kollha li l-Bord kien qed jagħmel xogħol tajjeb ħafna anki peress li huwa iffurmat minn persuni li ġejjin mill-kamp legali u nies tekniċi.

5.4 Qabel is-Sindku ma ressaq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Bord huwa iddikjara li l-Kunsilliera Massa u l-Kunsillier Caruana esprimew bil-miktub li huma favur il-kuntratturi li rrakomanda l-Bord biex jagħmlu dan ix-xogħol. Ir-rakkomandazzjoni tal-Bod fuq il-kuntrattur tal-Public Convenience kienet lis-Sur. Andrew Attard u dak għal Bulky Refuse kienet lis-Sur. Jimmy Muscat. Is-Sindku semma li r-rakkomandazzjoni kienet ibbażata fuq il-prezz billi dawn it-tenders kienu ta natura sempliċi.

5.5 Il-Kunsilliera preżenti qablu b' vot unanimu mar-rakkomandazzjoni ta dawn iż-żewġ kuntratturi rigward dawn it-tenders.

**6.0 ATTIVITA GĦALL JUM IL-VITORJA, F' ĦAL FARRUĠ**

6.1 Kien hemm preżenti is-Sur. Raymond Saliba fejn is-Sindku stiednu biex jagħti dettalji fuq x se jsir dwar Jum il-Vitorja f' Ħal Farruġ.

6.1 Is-Sur. Saliba semma li din is-sena ma kienx se jkun hemm Lejla Maltija bħas snin ta qabel billi ma kienx hemm ċans biżżejjed minn naħa tal-Parroċċa biex isiru l-preparamenti neċessarji.

## 7.0 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET

7.1 Fuq pagament nru 191 il-Kunsillier Camilleri esprima li huwa kontra dan il-pagament. Is-Sindku irrisponda li peress li issa ir-responsabbilta tal-Gwerdjani u ċ-ċitazzjonijiet waqgħet f' idejn ir-reġjun għalhekk dan il-pagament għandu jgħaddi għand ir-Reġjun.

7.2 Fuq pagament numru 194 is-Segretarju semma li dan kien sar fuq xogħol ta tiswijiet fuq ħsarat li kienu saru meta kien idaħħal il-ħadid fil-garaxx fi Triq tal-Maħżnier.

## 8.0 AĠĠORNAMENT

Ma kienx hemm aktar punti fuq l-Aġenda biex jiġu diskussi u għaldaqstant is-Sindku iddikjara l-laqgħa magħluqa nhar il-Ħamis 2 ta' Awwissu 2012, fis-6.40 p.m. Huwa aġġorna d-data għas 17 ta' Settembru 2012.

Konfermati llum ______________________ 2012.

______________________
John Schembri
Sindku

______________________
Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv